L-EWWEL KTIEB
TAD-DISA' SENA

MARZU
1933

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

---

XFIH DAN IL-GĦADD

---

Dizzjunarju tas-Sinonmi Maltin—Il-għali jkun imsiefer (T. Z.) — Tagħlim għat-tfal (A. C.) — Qabar lhudi-nisrani (L.C.) — Ħerba (D. Karm)— Mikiel Anton Vassalli (A. C.)—Il-lsien ta' Pajjiżi (Mons. Gauci)—Fra Luċenz (S. N.) — Il-ħarba ta' Nikol Turtora (Ġużè Gatt) — Aħbarijiet ta' kotba

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

**ID-DISA' SENA** 1933

EMPIRE PRESS
266 Str. S. Paolo, Valletta
1933

// IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — L-EWWEL KTIEB TA' L-1933

# DIZZJUNARJU TAS-SINONMI MALTIN.

Min iħobb il-kitba maltija ma jistax ma jitgħaxxaqx bil-ħarġa żgħażagħ, tfal ta' l'iskola, li mixgħulin bl-imħabba tal-lsien li hu tagħhom, u bil-ħrara tas-sengħa, qegħdin jitħarrġu xi wħud fil-kitba tal-proża u oħrajn f'dik tal-poeżija bil-malti.

Tistagħġeb xi drabi kemm għandhom ħabta jinsġulek ħrafa, jew rakkont, jew bozzett, u kif iqegħdulek quddiem għajnejk ix-xbieha ta' mara, ta' raġel, ta' xbejba jew ta' tifel b'erba' pinzellati fi proża ħafifa, mexxejja, ħierġa safja minn qalb li tħoss. Tistagħġeb, xi drabi oħra, liema xejra sabiħa għandhom xi wħud għall-versi.... versi li ma jkunu xejn li tarmihom, u tħoss li ġe' dawk is-sillabi hemm qalb li tħabbat, hemm fehma u rieda qawwija imħeġġin biex jirbħu it-tweġħir u l-qugħ li l-kittieba kollha, imma l-iżjed iż-żgħażagħ, jiltaqgħu miegħu: tistħajjilhom dawk il-versi bħal ħuġġieġa ward ta' kull għamla, ta' kull lewn, ta' kull daqs illi jlebleb, ilellex, ifewwaħ taħt iż-żiffa ta' dik in-nebħa sabiħa li bejn is-sittax u l-erbgħa-u-għoxrin sena iżżur lil kull min jifhem xi ftit il-ġmiel tal-ħolqien, il-ħlewwa ta' l-imħabba, in-nisġa ta' ferħ u ta' niket, ta' tama u ta' qtigħ il-qalb, fil-ħajja tal-bniedem.

Iżda ntbaħna mhux ftit drabi illi dawn iż-żgħażagħ xi daqqiet tonqoshom il-kelma li jkunu jeħtieġu, u jiġrilhom

ta' sikwit illi jfissru l-ħsieb ta' moħħom jew it-tqanqil ta' qalbhom b'xi kliem li ma jroddx bir-reqqa dak il- ħsieb u dik it-tqanqila, u flok ma jfissru dik il-ħaġa li jkunu jridu, jgħidu oħra li tixbaħha.

Lil dawn iż-żgħażagħ ta' rieda tajba jeħtieġ natuhom xi ktieb li jgħinhom isibu malajr dik il-kelma li tonqoshom jew għax ma għarfuha qatt, jew għax dak-il-ħin ma tigix f'rashom bil-għasir kollu li jagħsru moħhom: natuhom *Dizzjunarju tas-Sinonmi Malțin.*

Bil-għajnuna ta' dan il-ktieb wieħed ikun jista', jekk jaf kelma li tersaq biex tfisser il-ħsieb li għandu, isib tnejn jew tlieta oħra li għandu mnejn ikunu jfissru aktar bil-qies u aktar bir-reqqa il-ħsieb tiegħu, u hekk jitgħallem ukoll jagħraf dawk ir-rqaqat li jagħżlu it-tifsir ta' kelma mit-tifsir ta'oħra: issir hekk dik il-ħażna ta' kliem meqjus, sabiħ u mexxej li jkun iġib għal kull fehma tal-kittieb, u dan il-kliem fit-tħarriġ tal-kitba, jinhemes hekk tajjeb mal-ħsebijiet tiegħu, illi, ma' li jleħħ il-ħsieb fil-moħħ, taqbeż il-kelma t-tajba li għandha tfissru.

Il-ħieġ ta' dizzjunarju tas-Sinonmi ħassewh l-imgħallmin kollha ta' l-ilsna barranija, u ma haw' l-ebda letteratura li fost il-ħafna kotba ta' tagħlim tal-lsien nazzjonali ma għandhiex dizzjunarju, jew tnejn, jew aktar minn tnejn, tal-kliem sinonmu ta' dak il-lsien.

Dawn id-dizzjunarji tas-sinonmi, jiġifieri tal-kliem ta' lsien wieħed, li jixxiebaħ fit-tifsir tiegħu, maħruġin għall-istudenti ta' l-ilsna barranin, jistgħu jaqduna tajjeb bħala mudelli għal tagħna. Dak ta' Niccolò Tommaseo, jew ta' S. P. Zecchini għall-ilsien taljan, inkella dak ta' Nuttall għall-Ingliż, huma tajbin ħafna, u jistgħu jaqduna bil-bosta biex infasslu tagħna fuqhom.

Naħsbu li jkun għajb għalina l-kittieba tal-Malti, jekk dan id-dizzjunarju ma jsirx. Tgħid insibu min jindaħal għalih?

# IL-GĦALI JKUN IMSIEFER

Lil A. M. G., ħaddiem fuq il-ħaddiema.

Kemm kont ilek tafu lil Fredu?

Madwar it-tletin sena, mita kien beda x-xogħol tal-breikwoter għax niftakru mpiegat ma' Pearson li kien ġabar kemm nies sab biex jagħlaq id-daħla tal-Port-il-Kbir u jaqta' u jibni ż-żewġ baċini ta' Għajn Dwieli. Fredu kellu f'idejh ix-xogħol tal-qtigħ il-blat u t-taħlit tas-sement il-Mistra, f'dik id-daħla tal-baħar taħt Selmun, il-ġewwa mill-Pwales.

— Jien kont naf lil Fredu fl-uffizzju ta' Għajn Dwieli.

—Iva, għax mill-Mistra talab li jibagħtuh x'imkien ieħor għax kien xaba' mill-post u kien fatta ta' ser iħoss rasu.

—Dan kif? Qatt ma smajt x'kien ġralu.

—Ħaġa ta' xejn li tatu ġewwa wisq; kien qalli. Ara kif kienet il-biċċa.

Dan Fredu kellu f'idejh in-nefqa ta' dik il-ġemgħa kbira ta' ħaddiema, iħallas in-nies, jixtri, igħabbi, iħott, kollox fuq spallejh. Kienu saqqfulu dwejra ta' erba' kmamar, uffizzju, kamra tar-rqad għalih u oħra għar-raġel li tawh biex igħinu, ċertu Indrì mill-Mellieħa. Fredu jikteb u jikkontja u Indrì jgħarrax man-nies, raġel fuq tiegħu, moħħu sejjer dejjem biex kollox imur sewwa, in-nies taħdem kemm imissha u ħala isir mill-inqas. Jekk kien jista' jdabbar sold barrani kien jara kif jagħmel biex idabbru imma ma' Fredu kien ħabel u satal, jaqdih f'kollox u l-kontijiet dejjem ħabba b'ħabba.

Fredu kienet għal qalbu dik il-ħajja, xogħol bil-qies, xi sajda kull tant, xi dawra għas-summien f'Settembru u f'April, lejn il-belt tista' tgħid ma jidher qatt ħlief mita jidħol b'xi rapport għall-kapijiet Ingliżi.

Darba x-xitan ried li ma satâx isib il-muftieħ tal-kaxxa tal-flus. Qalleb, aqla', ħawwad, fittex u arġa' fittex, das-sensafidi ta' muftieħ ma nsabx. Rasu saħnet Fredu. Kif iħallas nhar is-Sibt? Indrì fittex miegħu, imma rasu baqgħet flokha.

—X'ser nagħmlu Indrì?

—La ma sibniex il-muftieħ insibu min jaf jiftaħ il-kaxxa. Int tħallas nofs lira biex tinfetaħ il-kaxxa?

—U f'dan il-barr fejn issib ħaddied suriet in-nies? Li kont il-Belt kont immur għand Borrija fuq is-sur tal-ħaddidin. Hawn ma naf lil ħadd.

—Jien għandi bin ħija, qal Indrì, jaħdem hawn magħna u jiftaħħhielek il-kaxxa f'anqas minn nofs siegħa.

—Qalbu ngħafset Fredu biex idaħħal ħaddiem l offizzju ibagħbas il kaxxa tal-flus, imma xi ħaġa kellu jagħmel.

- Newlu—qal lil Indrì.

--Ġie l-ġuvnott kollu ferħan. Ħares lejn is-serratura, ħareġ mill-but musmar ta' Franza u nitfa firdiferru u beda jgħawwar; il fuq, l-isfel, fil-ġenb; sa flaħħar tlik, tlik, id-duda tħarrket u l-bieba nfetħet.

Fredu jħares b'għajnejh imqabbża l-barra. Malli nfetħet il-kaxxa qabad ftit xelini biex iħallas lit-tifel imma Indrì midd idu—Newwel, qallu, issa nħallsu jien.

Fredu deherlu u ma deherlux li l-flus ma marrux kollha għand it-tifel imma kollu ħosbien fuq li ġara ma ħasibx ħażin, moħħu kif ser tibqa sejra' dil-biċċa tal-kaxxa bla muftieħ.

Mita baqgħu wħudhom qal lil Indrì :

—Issa kull mita rridu niftħu l-kaxxa għandi nonfoq dal-flus kollha, Indrì ?

—U lè, din kienet darba għax konna mgħaġġlin, darb'oħra neħelsu b'irħas. Int għal issa tgħid xejn li ma għandekx muftieħ għax għadu ma jaf ħadd. Jekk jidhirlek âti xi ħaġa fix-xahar lit-tifel u ssibu miegħek kull mita tridu. U jekk dak it-tifel ma jogħġbokx insiblek ieħor, kollha tfal li jiġu minni u naf x'inhuma. Oqgħod bi kwietek, jien dejjem hawn. '

Fredu aktar mela rasu mita ra li nofs in-nies ta' madwaru kienu jafu jiskassaw is-serraturi. Ħass li huwa mdawwar bil-ħallelin li ma kellhomx ħlief jistennew is-siegħa biex jagħtuh is-salt. Il-għada malli ra lil Indrì staqsih jekk sabx il-muftieħ.

—Din tal-muftieħ ħadta bi kbira wisq, sur Fred, qallu Indrì. Donni jien m'inhix hawn. Koss milli rajt il-bieraħ jien dik il-kaxxa niftaħha biċ-ċajt. Int qiesek li l-muftieħ qiegħed f'buti, malli trid tiftaħ sejjaħli, lili tafni biż-żejjed. Jekk jidhirlek għid lis-sur Pearson iżidli nitfa fil-paga,imqar six-pens kull jum, aħna b'kollox nifirħu ! U baqa' ħiereġ il-barra.

Aktar ma titwal din il-ħaġa aktar bdiet toqorsu lil Fredu, beda ma joħroġx mid dwerja ħlief għal xi ħtieġa kbira u mita Indrì kien joqgħod floku, għax għal Indrì kien jaħlef u kien jafdah b'għajnejh magħluqa. Lit-tifel ma żiedx isejjaħlu għax Indrì kien jiftaħ il-kaxxa f'kemm ili ngħidlek.

Wara xi jumejn raġa' waqa' l-kliem fuq il-kaxxa u l-muftieħ.

—Il-biżgħa tiegħi Indrì, qal Fredu, li bil-lejl għad jagħ-mlulna xi waħda mita jxommu li l-muftieħ ma sibniehx,

—Sur Fred inti s'issa naqsek xi ħaġa?

—Xejn s'issa imma mil-lum il-quddiem ma nafx x'ser isir; moħħi għoddni tliftu.

—Ma jsir xejn, sur Fred, għax jien ħsibt għal kollox. Mela la trid tafha jiena ġurdien ixjeħ min-nies kollha li għandek ma' dwarek u raġel tas-servizz. Għandek tkun taf li mita inti tidħol torqod jien niftaħ malajr il-kaxxa u kull ma nsib indaħħilu fi xkora żgħira li naħbi ġewwa ħofra taħt is-sodda tiegħi, għax hekk inkun żgur: Filgħodu kmieni nqigħed kollox f'loku u billi dan ma jafu ħadd il-biċċa miexja ħarir.

—Lis-sur Fred kienet se ttih puplesija, demmu tala' għarrasu, ħmar, il-għaraq xaqq għalih u biex ma jitwigħerx ma' Indrì ħareġ il-barra biex bħalli kieku jġib xi ħaġa.

—Issa qigħed fil-frisk, qal fih in-nifsu, ilħiti f'idejn innies u ma għandhomx ħlief jintfuhieli. Jew nitbigħed minn hawn, jew niġġennen jew nitlef il-post."

Aħseb u ġib min jaħseb waħħalha f'moħħu li jitlob li jibagħtuh f'post ieħor. Lil Indrì ma qallu xejn u baqa' kollox sejjer kif kien qabel. Kiteb lill-Kap u talbu li jibdillu l-post għax kien ilu żmien il-Mistra u xtaq ikun ftit lejn il-belt. Fl-aħħar kitbulu li mill-ewwel tax-xahar imur Kap tal-uffizzju Għajn Dwieli. Qabel telaq kiteb li l-kaxxa tal-flus kienet ċkienet għal dak li kellu jaħżen fiha u bagħtulu oħra akbar u hekk fuq it-telfa tal-muftieħ ma nkixef xejn u l-iskrivan il-ġdid ma ħallielu ebda għawġ.

Il-Mistra ma rah ħadd iżjed u jekk ra lil Indrì, xi darba, għax iltaqa' miegħu Għajn Dwieli jew Bormla.

L-imsejken Fredu kien jiġbed marda mhux kerha ftit li baqa' l-Mistra ġimgħa oħra. Lil Indrì baqa' jħobbu għax għad li daħħlu f'basla li ma bħalha kien dejjem raġel miegħu u kull ma għamel biex jistru u jħarislu rasu għad li fil-bogħod ilbogħod kien jaqbillu jxammar dejjem għal sidu. Fredu baqa' ma' Pearson sa ma spiċċa x-xogħol li kellu Malta imma wara l-biċċa tal-Mistra ma baqax fuq ruħu u ċajtier kif konna nafuh qabel, u ftit ftit ħadd ma rah iżjed. M'ilix li smajt li miet. Alla jaħfirlu kien raġel ħelu u ta' fommu sieket sa fejn nafu."

—Jien kont midħla tiegħu iżda dil-ħrafa tal-Mistra qatt ma qalhieli—Sewwa jgħidu li l-għali jkun imsefer.

Ag. 1932.

T. Z.

# TAGHLIM GĦAT-TFAL

## DWAR IL-KWIEKEB LI JISTGĦU JIDHRU FIS-SAQAF TAS-SEMA MILL-GŻEJJER TA' MALTA

*(Miktub mir-Rev. C. L. DESSOULLAVY, Ph.D.)*

Hija ħaġa, il-lum magħrufa tajjeb, u tista' tgħid minn kulħadd, illi l-astronomi tal-qedem kienu studjaw u semmew b'ismijiet l-imħalel jew kostellazzjonijiet wisq qabel ma studjaw u semmew b'ismijiet dawk il-kwiekeb li kollha flimkien jagħmlu dawn il-qatgħat jew imħalel ta' kwiekeb. Bosta minn dawn il-kwiekeb ġew imsemmijin b'ismijiet kif il-lum insibu li kienu jafuhom il-Għarab taż-żmenijiet tan-Nofs u l-Persjani li kienu jitkellmu bil-għarbi, fil-waqt illi bosta mill-ismijiet ta' dawn il-kostellazzjonijiet huma ta' żminijiet wisq iżjed il-bogħod, żminijiet qodma għall-aħħar ta' qabel it-tagħlim ta' l-iskola Għarbija,—ismijiet li bosta minnhom tnisslu f'Babilonja, u mhux mill-għamliet tal-puleni meħudin fuq dawk tal-bastimenti tal-ewwel baħħarin Griegi jew Feniċi, kif deherlu xi ħadd fuk ix-xebħ ta' busti u nofs iġsma, bħal dawk ta' Pegasus, għamla ta' żiemel bil ġwienaħ, u tat-Tawru.

Iżda, għalkemm dawn il-ħwejjeġ huma hekk qodma, l-ewwel tifsiriet sħaħ fuk dawn l-imħalel jew kostellazzjonijiet insibuhom fix-xogħol tal-Poeta Grieg Aratus minn Soli. Il-"Phoenomena" tiegħu kien ingħoġob qatigħ mill-qarrejja ta' dawk iż-żminijiet u Ċiċerun stess għoġbu jaqilbu bil-Latin. Bl-Ingliż hemm traduzzjoni tiegħu, magħmula vrejjes minn Robert Brown (1885). Tolomew, mal-mitejn sena wara Kristu, fis-Seba' u t-Tmien ktieb tal-"Kbira Sintassi tal-Matematka" (dlonk imsejħa l-Akbar Magiste) kien semma il-kostellazzjonijet fuq il-għamliet tal-imħalel imlaqqmin u mfissrin mill-Poeta Aratus, iżda fil-waqt li dan il-Qabbiel, bħalma dlonk kienet id-drawwa tal-qabbiela ta' vrejjes, tkellem fuq dawna l-għamliet ta' mħalel kif ġie, ġie, l-astronomu, li hu bniedem ta' dehen u għerf, qassamhom bil-għaqal u qiegħed 21 minn dawna x-xbihat ġewwa d-dawra taz-Zodijaku, 12 minnhom fl-istess Zodijaku u l-bqija l-barra mid-dawra. Fuq it-tagħlim tal-kwiekeb ta' żmien il-kittieba ta' Greċja u Ruma wieħed jista' jaqra u jkun jaf bosta ħwejjeġ sbieħ minn fuq il-ktieb ta' Sir George Cornewall Lewis, imsemmi "*Historical Survey of the Ancients*".

Il-belt ta' Lixandra, fejn ħadem Tolomew, damet bosta snin bħala ċentru tal-għerf, iżda wara li ċkienet (u dana kien

fil-ħames seklu) is-Surija laħqet flokha bħala l-aqwa fost l-ibliet tad-dinja u bħala ċentru tal-għerf. Iżda minnufih, il-għorrief Surjani, il-biċċa l-kbira tax-xirka reliġjuża ta' Nestorius, sabiex jaħarbu 'l Biżantini tal-Knisja Ortodossa, qatta waħda inxeħtu taħt is-setgħa l-kbira tal-Persjani, u magħhom ġarrew f'Nisibis u bnadijiet oħra t-tagħlim kollu li huma kienu ħadu minn għand il-Griegi l-qodma. Wara nbagħad, nibtet u xxerdet bħal mewġ għal għarrieda r-reliġjon ta' Mawmettu u dawn is-Surjani tas-setta Nestorjana, flimkien mal-Ġakobiti, dlonk ftiehmu mal-Misilmin, għall-muhom, u ħarrġuhom f'kollox barra minn f'dawk il-ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mar-reliġjon. Din hija r-raġuni illi għaliha l-ewwel tagħlim tax-xienza fost il-Misilmin kien beda qalb in-nies Għarab tar-razza tal-Abbassidi tal-Imperu qadim Persjan. Biex nuru kemm kienu saru tassew tajbin fl-iskola l-Kaliffi ta' Bagħdad, ngħidu dan biss: illi minn għand il-Biżantini, bħala ħaraġ għall-ħsarat tal-gwerra, ma għoġobhomx jieħdu ħlief Manuskritti Griegi, illi nbagħad, bil-għajnuna tas-Surjani sudditi tagħhom, għaġġlu qalbuhom bil-għarbi.

Ix-xogħol ta' Tolomew ġie maqlub b'ilsna oħra bosta drabi, l-ewwel darba minn Yahya, il-għaref Kunsilier jew Ħêseb ta' Ħarun ir-Raxîd li kien l-ewwel wieħed li tah l-isem ta' Al-Magisti, kelma li baqgħet fl-ilsna Ewropej biex tfisser ktieb li fih it-tagħlim fuq id-Dinja jew ġabra ta' Tagħrif fuq is-Smewwjet.

Fl-istess waqt fl-Ewropa, għalkemm il-għerf kien qiegħed imajna u dejjem jonqos, dan kien, iżda, ma għabx għalkollox, u Karlumanju, igħarrafna il-Patri ta' St. Gill, kien qiegħed jikkorrispondi b'ittri ma' "Aaron Re tal-Persia", li ma kienx ħlief l-istess Ħarun ir-Raxîd. L-ewwel Manuskritt ta' Aratus bil-latin ta' Ċiċerun, li jinsab fil-Mużew ta' Londra, huwa ta' dawk iż-żminijiet u mix-xeħta tad-disinn u tal-kulur tal-figuri li fih, jidher li kien maħdum fuq mudell qadim.

F'Persja, l-ikbar fost l-eqdem astronomi kien "Azophi", jiġifieri Al-Sufi jew is-Sufi (903-986). Ix-xogħol tiegħu, imsemmi "Kitâb suwâr el Kawâkib" (1) (edizzjoni bi traduzzjoni, Schjellerup, Pietroburgu, 1874) huwa ktieb ta' l-akbar fejda u minnu ħadna l-biċċa l-kbira ta' kulma hawn imsemmi. F'dan il-ktieb il-għamliet tal-kwiekeb huma kollha pinġuti, ħaġa li żżejjen il-manuskritt u tatih xeħta u ħajra artìstika.

(1) Fl-iktar Manuskritti qodma li hemm il-Mużew ta' Londra, ix-xbiħat tal-imħalel tal-kwiekeb li hemm pinġuti minn Al-Sufi *għandhom qawra ma' dwar rashom*, bħad-dijadema tal-qaddisin tagħna.

Il-mawmettani dejjem iktarx stmerrew it-tpinġija ta' xbihat li jiffiguraw il-ġisem tal-bniedem, iżda f'dawk li huma kostellazzjonijiet, dawn id-disinni ma barrewhomx, sew jekk pinġuti f'kotba, kemm jekk minquxin b'għodod tal-iskoltura fuq il-mappamondi.

Wara Al-Sufi, naraw illi l-ħeġġa l-kbira għal dawn l-istudji tqanqlet mill-Persja u nġabret għal xi żmien ġewwa l-Eġittu u hemmekk kien illi it-Tabelli ta' Ħâkîm ġew maħżużin u msejħin b'dan l-isem bħala tifkira u qima lejn dak il-bniedem tal-għaġeb imnissel minn Fatima li kien il-Kaliff Ħâkim (996-1021). Iżda Spanja, taħt il-ħakma tal-Għarab mir-razza tal-Ummajjadin, daħlet bħala werrieta ta' dawn l-istudji.

It-Tabelli ta' Toledo li fihom ħadu sehem tnax-il-Lhudi ġew maħżużin fl-1080. Ħames snin wara, Toledo waqgħet f'idejn l-Insara. Ma jkunx jitbiegħed wisq mis-sewwa mita wieħed igħid, illi l-Benedettin Franċiż Ramon jew Raymond, li sar Isqof ta' Osma fl-1102, u li minn dwar l-1124 sal-1151 kien Arċisqof ta' Toledo, mita ġie biex jiġbor in-nies ta' bosta nazzjonijiet li kienu wħud, Ingliżi u Taljani, biex jaqilbu mill-Għarbi ix-xogħlijiet fuq il-kwiekeb, huwa kellu jinqeda sew bin-nies kemm bil-mezzi mħollijin minn għand dawk li qabel kellhom f'idejhom il-Belt. Fost it-tradutturi ta' Toledo l-aħjar wieħed kien Ġerardu (il-Kbir) mill-belt ta' Cremona u hu kien li fl-1175 qaleb ix-xogħol ta' Tolomew mill-Għarbi, sejjaħlu Almagestum u b'hekk xandru fost il-għorrief tal-Ewropa.

Biċċa xogħol bħal din kienet qiegħda ssir fi Sqallija. Aħna ma nistgħux insibu t-traduzzjoni Latina mill-Grieg mogħtija bħala rigal lil Guljelmu, mill-Biżantini fl-1158, iżda għad hemm l-oriġinal ta' traduzzjoni oħra magħmula mill-Għarbi b'ordni ta' Federîk Tnejn fl-1230.

Hija tassew waħda mill-ħwejjeġ li ħawdet l-irjus ta' dak iż-żmien dik li ħadd ma jista' jaf sewwa għaliex it-traduzzjonijiet ta' xogħlijiet xjentifiċi fil-bogħod li kienu jsiru dritt mill-Grieg għal-Latin, u mita kienu jsiru b'dal-mod, kienu jżebelħuhom u dejjem kienu jistmaw iktar dik it-traduzzjoni li ssir mill-Għarbi. Ħaġa iktar tal-għaġeb hija dik l-oħra illi l-istess Griegi fit-13 u l-14-il-seklu, kif sirna nafu minn kittieba ta' dawk iż-żminijiet, mita kienu jridu jistudjaw il-kwiekeb, kien ikollhom imorru l-Persja u li l-uniku bniedem imsemmi fil-għerf tal-ħolqien li qaleb bil-grieg ix-xogħol imsemmi "Chrysokokka" kien wieħed mill-Persja. Dwar Federîk Tnejn, kulħadd jaf tajjeb illi dan is-Sultan ġie

mrobbi f'Palermu, kien jaf jitkellem bil-Għarbi, li dik il-ħabta kien għadu mitkellem fi Sqallija, u fuq kollox, kien mixħut għall-aħħar lejn l-istudji u fehmiet orjentali; fil-bidu nett tas-saltna tiegħu il-munita sqallija ċkejkna tad-deheb imsejħa rbigħi (tarì) kienet għadha toħroġ bil-kitba fuqha taż-żewġt ilsna, Għarbija u Latina, u bid-data skond is-sena Għarbija tal-Ħeġra.

F-1252, Fonzu Għaxra minn Castilja, missieru San Fernandu u oħtu fard-sieq, ir-Reġina Leonora tal-Ingilterra, fl-istess ġurnata li tala' it-tron, ippublika t-Tabelli (1) imsejħin "Alfonsini" li kienu qegħdin jinħadmu minn żmien ilu spejjeż tal-Prinċep minn għaqda ta' nies għorrief li kienu jgħoddu 50 ruħ, fosthom Għarbin, Lhud u Insara taħt it-treġija ta' President Lhudi.

Kien b'riħet din il-biċċa xogħol hekk kbira, wisq iżjed milli b'riħet xogħlijiet oħra li, wara żmien, il-għerf tan-nies tal-Ewropa kiseb għadd kbir ta' ismijiet tal-kwiekeb. Fonzu Għaxra kien ta' bil-ħaqq bniedem stramb u ta' karattru deffusi. Kien bieżel għall-istudji, xejn dejjaq minn rasu u kellu leblieba kbira u dehen kbir biex jitkixxef u jkun jaf. Imnissel minn razza Ewropea, nofsha tan-naħa ta' Fuq u nofsha tan-naħa t'Isfel, dan il-bniedem ifakkarna mhux ftit f'dak l-ieħor li kien ixjeħ minnu u li għax fi żmienu u jiġi minnu fil-bogħod, li hu Federik it-Tieni ta' dan l-isem.

Għal ħabta ta' l-istess żmien(1275) fi Lvant,' Qażwini kien midhi bil-"Kitâb Għaġajb al-Maħluqat" (Ktieb tal-Egħġubijiet tal-Ħlejjaq jew Ħolqien) (2) fejn il-biċċa li titkellem fuq il-kwiekeb ġiet ippublikata bi traduzzjoni bil-Ġermaniż minn Ideler (1809). L-Insara tal-Lvant ma baqgħu l-anqas l-ura f'din il-ħaġa u l-kbir enċiklopediku Ġakobita Abu-el-Faraġ, magħruf bl-isem ta' Bar Hebraeus (1246) inxeħet ukoll għall-istudji tal-astronomija u ħaddanha bħala waħda mill-materji tat-tagħlim.

Wara l-mijiet tas-snin aħna nsibu li ċ-ċentru tal-istudji fuq l-astronomija ċċaqlaq u mar fil-pajjiżi tan-naħa tan-Nord. L-ewwel mappi artistiċi ċatti tas-sema kienu l-inċiżjonijiet tan-naħa tat-Tramontana u tan-naħa ta' Nofs-in-Nhar magħmulin minn Albrecht Duerer fl-1515, waħda minnhom fl-erba' kantunieri bir-ritratti taż-żewġ poeti Aratus u Manilius, li għannew is-sbuħija tal-kwiekeb,u taż-żewġ astronomi Azophi

(1) Dawn it-tabelli kienu jsiru biex fuqhom jikkalkulaw ż-żminijiet, il-festi u taqsim ieħor li għandu x'jaqsam mal-għerf tal-astronomija.

(2) Daqxejn ta' ktejjeb li hu popolari bil-bosta.

u Tolomew (l-aħħar wieħed jidher bit-tomna f'rasu !). Wara nbagħad ġie Beyer bil-biċċa xogħol tiegħu *L'Uranometria* (1603), l-ewwel wieħed li immarka kull kewkba b'ittra griega illi minn dak iż-żmien baqgħet tagħżilhom minn xulxin. Urajh ġie Flamsteed bl-*Atlas Cœlestis* (1721) u Bode bl-*Uranographia* (1801).

Qabel dawn il-mappi kien hemm il-mappamondi,fosthom wieħed mill-qodma dak tal-Vatikan jidher stampat u mfisser fil-ktieb "*Sphæra*" ta' Bols (1903). Ebda xejn ma nsab minn dak il-mappamondu Għarbi tal-fidda magħmul f'Palermu fi żmien Ruġġieru Tnejn.

Madankollu, għal dak li hu studju fuq in-nisel tal-kliem huma wisq iżjed interessanti dawk il-globi hekk sbieħ u ċkejknin bix-xbihat tal-kostellazzjonijiet u ismijiet maħżużin fihom. Mill-globi tas-Seklu Ħdax għad hemm dak ta' Firenze li sar fi Spanja (Meucci, 1878). Minn dawk tas-Seklu Tnax hemm wieħed f'Pariġi (Sedillot, 1844). Tas-Seklu Tlittax għad fadal erbgħa: wieħed Napli, (S. Assemanni, 1790), ieħor fi Dresden (Beigel 1808), ieħor f'Pariġi (Pawlu Casanova, 1884) u ieħor ta' xi żmien wara f'Oxford (Gunther 1923). M'għandniex ninsew inbagħad dawk l-Astrolabji (1) illi minnhom issib dejjem xi wieħed fil-Mużejjiet kbar tal-Ewropa. Dawn l-istrumenti għal żmien twil kienu jservu għal dak l-istess skop li għalih il-lum qegħdin iservu s-sestant u l-planisferu jew mappamond li jdur madwaru n-nifsu, strumenti ġodda li nistgħu ngħidu tnisslu mill-astrolabju. Il-ktieb ta' Al-Miżżi "Al-Għamal bil-Asturlâb" (kif taħdem bl-Astrolabju) huwa wieħed mill-bosta kotba li jitkellem fuq din il-ħaġa. Billi dawn l-istrumenti qodma kellhom iktarx l-ismijiet tagħhom maħżużin fix-xifer, dawn flimkien mal-globi u mat-Tabelli Alfonsini u l-Almagest Latin, kienu nisslu fil-biċċa l-kbira dawk l-ismijiet tal-kwiekeb kollha kif nafuhom il-lum.

(*Jissokta*)

A. C.

(1) Strument qadim li bih kienu josservaw il-kwiekeb u jqisu l-għoli. Nistgħu ngħidu illi bosta mill-ismijiet tal-bċejjeċ tiegħu nsibuhom fil-malti ukoll. L-*omm* hija l-biċċa sħiħa li fiha jidħlu l-bċejjeċ l-oħra kollha; ix-xifer maqlub il-fuq kien imsejjaħ *il-tewq* (kullar), il-biċċa ta' quddiem imsejħa *l-wiċċ* u l-biċċa ta' wara *d-dahar*; waħda mill-bċejjeċ magħmulin salib li jidħlu fl-*omm* kienet il-*għanqabut* u l-oħra *x-xibka*.

# QABAR LHUDI-NISRANI

Jekk xi darba m'ilux mort iżżur il-Palestina, u wasalt Ġaffa bil-baħar, int u tiela' Ġerusalemm bil-vapur tal-art, meta għaddejtu l-waqfa ta' Wied is-Sarâr, aktarx li rajt, fuq l-iġbla n-naħa tal-lemin, dar ġdida, tbajjad fix-xemx, b'żewġ saffi twieqi, u sura kbira, sewda fuq il-bejt tagħha. Wara dik id-dar, (jew aħjar, dejr), hemm wied li l-fallaħin igħidulu: Wadi Surik; igħidulu hekk, għax fi djul il-ġebel in-naħa tax-xmiel tal-wied, hemm ħerba, fdal ta' belt, b'ħitan, swar, bjar, oqbra, għerien, u xi tliet siġriet taż-żebbuġ xjuħ għall-aħħar, li l-fallaħin igħidulha Khirbet Surik. Hemm kien Surik li jissemma fil-Kotba Mqaddsa, fejn kienet toqgħod Dalila, mart Sansun.

F'nofs il-wied li għedna, hemm bir, imdawwar dawwara mejt, wiesa' fuq il-qasbtejn, u għemiq xi ħmistax, li jgħidulu Bir-Koba. Igħidulu hekk, għax fuq il-ħotba fejn hemm mibni d-dejr l-abjad il-ġdid li semmejt fuq, kienet hemm mibnija belt jisimha Koba. Minn din ukoll għad baqa' kotra ta' fdal; fdal ta' ħitan, għerien maqtugħa fil-blat, bit-tirġien, u mniffda għal xulxin bi sqaqijiet dojjoq taħt l-art, li jkollok tgħaddi minnhom imbaqqa'. Hemm ukoll bjar u ħwat, u swieqi; możajk u kemm tfiefes oħra. Wieħed mill-oqbra ta' din il-belt, li jinsabu f'ħerbitha, li sa nsemmi hawnhekk.

Fejn il-lum hemm ħerbet Koba, fuq ix-xaqliba ta' Wied Surik, kien hemm qatgħa art ġmiem, watja, imma mżerżqa. Hemm fil-ħarifa ta' bħal issa sentejn (1930) il-qassis li jieħu ħsieb it-tfal iltiema li joqogħdu f'dak id-dejr, ried jagħmlilhom milgħab. Imma biex il-qassisin ma jonfqux flus, ġagħalu lit-tfal infushom iħaffru l-art in-naħa ta' fejn kienet għalja, u t-trab u l-ħġar li jitla', jixħtuh in-naħa s-saflenija, biex il-witgħa ssir kollha daqsinsew.

Meta t-tfal kienu ilhom iħaffru xi ġimgħa, fil-blat li nkixef dehret naħa, maqtugħa bit-tul bħal xifer menqa. Imbagħad insabet rokna, wara, xfar u rkieni oħra maqtugħa fil-blat minn tliet naħiet u fin-nofs bħal menqa mimlija biż-żrarijiet, u frak tal-fuħħar. Jiena deherli li hemm kellu jkun xi qabar, u għalhekk, darba, qbadt imgħażqa milli kellhom it-tfal, u ħaffirt fejn il-blat il-maqtugħ kien l-iżjed għali. Ħaffer ħaffer, fl-aħħar kxift xifer il-fuqani ta' bieb, magħmul ħnejja, maqtugħ fil-wieqaf. Irġajt irdamtu u filgħaxija għedt bih lir-rajjes tad-dejr.

Fil-Palestina, bħal Malta, in-nies tal-Ħakma mengħet li xi ħadd jikxef oqbra qodma mingħajr ma jħabbarhom bih. Għalhekk biex ħadd ma jintebaħ, ir-rajjes amar, li hu, qassis ieħor u jien, immorru niftħu dal-qabar bil-lejl. Għal dan, minn għaxija, hejjejna imnajjar, fisien, magħżaq u lwieħ, u f'xi sagħtejn lejl, ħadna kollox u ħriġna siksnijiet.

Bdejna nħaffru sa kemm kxifna il-bieb għal kollox li kif għedt qabel, kien magħmul ħnejja. Il-bieb tassew, ma kienx dan, imma ieħor fil-qiegħ tiegħu, żgħir żgħir, imrebbagħ, qiesu twejqa li bil-kemm jista' jgħaddi minnu bniedem mimdud. Dan sibnieh misdud b'ħaġra.

Ġibna ħadida kbira, u iġbed minn hawn u itfa' minn hemm, fl-aħħar il-ħaġra qlajnieha. Imma x'sibna? Il-qabar kien mimli bit-trab. Dħakna daħka, biex intajru l-għadab, ġbarna l-għodda, u bil-qalb it-tajba morna d-dar ħa nistrieħu. Kienu l-ħdax ta' bil-lejl; lejliet il-Ħadd.

* * *

Il-għada wara nofs inhar, xi żewġt itfal li ma marrux iduru mal-oħrajn, qagħdu jilgħabu fil-qabar, iseffdu b'ħadida, fit-trab li kien misdud bih. Kont għaddej jien, u sejħuli, u qaluli li l-qabar kien jinħass fieragħ min-naħa ta' ġewwa. Mort nara u nsib li kien bħal ma qalu huma. Ġibna lexxuna, ħaffirna biha u ftaħna toqba fit-trab. Malli l-fetħa kienet kbira biż-żejjed, deffist fiha rasi w idejja, u ġebbed minn hawn u minn hemm, dħalt kollni fil-qabar.

Malli għajnejja draw, ħarist ma' dwari. It-trab li ġewwa fih, kien għoli min-naħa tat-twejqa (il-bieb) u mniżżel in-naħa tal-ħitan. Fejn it-trab kien ftit, kienu jidhru, fil-ħitan tal-blat, ħofor, bħala fran; kienu l-"kokim" tal-lhud. Kienu għadhom bil-ħaġra quddiemhom, maqlugħa; wieħed minnhom, kien għadu magħluq, bil-ħaġra mkaħħla bit-tajn, fuq biebu. F'rokna kien hemm tebut żgħir tal-ħaġar (sarkofagu) bil-frak tal-għadam ġewwa fih, u minn taħt it-trab kienu jidhru ħerġin ix-xfar ta' twiebet oħra. It-tebut iż-żgħir ħadtu u bagħattu lir-rajjes, u mbagħad ħriġt u mort indur dawra fuq l-iġbla.

X'għamilna dak il-lejl biex inneħħu dawk it-torba mill-qabar ma rridx noqgħod ingħid, biex naqta' fil-qasir; imma wieħed jista' jawwar quddiem għajnejh it-tbatija li kellna nbatu naħdmu taħt l-art bil-lejl, fid-dawl tal-imsiebaħ, bl-imgħażaq u l-lwieħ, nimlew l-ostla u noħorġuhom mit-twejqa, u dawk li kienu barra iferrgħuhom. Il-għaraq nieżel magħna, bis-sħana tal-imsiebaħ li kienu jixegħlu ġewwa, daharna mgħawweġ, għax jekk tqum tħabbat rasek mas-saqaf. Il-luħ,

jew imgħażqa, tħabbat mal-ħitan jew mas-saqaf imħabba fid-dieq, u ma tistâx taħdem sewwa; imma l-agħar li ħbatt jien, għax billi l-ħwejjeġ qodma nħobbhom minn qattusi, u dik kienet l-ewwel darba li ħdart ftuħ ta' qabar qadim, ma ridtx nitbiddel bħal ma jitbiddlu l-oħrajn, daqqa ġewwa u daqqa barra, imma ridt nibqa' ġewwa l-ħin kollu.

* * *

Issa nara nistâx infisser kif inhu magħmul il-qabar, u l-ftietaq li sibna ġewwa fih.

Il-bitħa maqtugħa fil-blat, li hemm quddiem il-qabar hija mrebbgħa, xi tliet qasab tul kull naħa. Dil-bitħa, kif tidher mill-atar tal-bini li hemm fuq xfarha, kienet imsaqqfa, bħal għorfa, u biebha kien iħares lejn ix-xmiel, b'iswit bieb il-qabar. Naħseb li kienet imsaqqfa, biex in-nies li jiġu iżuru mwiethom midfuna hemm, ikollhom fejn jistkennu mix-xemx u x-xita, u mhux joqogħdu wara bieb il-qabar fil-beraħ. Fil-ġenb ix-xerqi tal-bitħa, hemm bħal ħawt imdawwar, għamla ta'żinġla mdaqqsa imħaffer fil-blat. Għad jidher fih it-tikħil min-naħa ta' ġewwa, u aktarx kien imgħotti bil-możajk. Ma nafx għal fejn setgħu jinqdew bih.

Bieb il-qabar, bħal m'għedt qabel, hu hekk dejjaq, li mhux għalkemm tidħol u toħroġ minnu. Il-qabar min-naħa ta' ġewwa għamiq mogħla raġel, u għal dan, min irid jidħol ikollu jitqanna jdaħħal riġlejh l-ewwel, għax inkella, jeħtiġlu jinżel fil-qabar rasu l-isfel. Taħt il-bieb, imma, minn ġewwa, in-nies ta' dak iż-żmien, ħasbet qegħdet ħaġra biex min jid-ħol u joħroġ il-qabar, iqiegħed riġlejh fuqha.

Minn ġewwa l-qabar imrebbagħ ukoll, bħal bitħa, u l-wisa' tagħha. Is-saqaf maqtugħ qurriegħa, għoli fin-nofs ftit aktar minn mogħla raġel imdaqqas, u nieżel għal xejn in-naħa tal-ġnieb. Imħaffra fil-ħitan tal-blat, u jmissu mal-art, hemm disat oqbra, dojjoq u twal, għamla ta' fran: il-kokim. Tlieta minnhom quddiemek, kif tidħol; tlieta max-xellug, tnejn mal-lemin, u wieħed ħdejn il-bieb, mal-lemin ukoll.

Dan huwa l-qabar. Issa li sibna ġewwa fih. Sibna xi għaxar twiebet tal-ħaġar (sarkofagi) imqegħdin godds wieħed (uħud miksurin) fil-lemin tal-qabar. Mhux kollha kienu in-daqs, anqas ta' għamla waħda. Uħud kienu wesgħin in-naħa tal-wiċċ, aktar milli kienu fil-qiegħ. Uħud bis-saqajn, oħrajn minn għajrhom. Wieħed biss kien fih xi żina: żewġ dawriet, kull naħa magħmula bil-bikar (kompass) u mbagħad maqtu-għin sitt darbiet bil-bikar in-nifsu, li jiġu, bħal warda ġewwa dawra. It-twiebet li stajna neħduhom sħaħ, kienu erbgħa;

l-oħrajn jew kienu miksurin, jew inkisru malli missejnihom. It-twiebet kienu kollha magħmulin minn ħaġar artab, miġjub aktarx minn Bejt-Gibrin (Eleutheropolis, ta' Settimu Severu li hi qrib, u dari belt nisranija, u maqgħad ta' Isqof;), għax il-blat tagħha abjad u artab, qisu ġibs.

Semmejt li kien hemm wieħed mill-kokim għadu magħluq u bil-ħaġra fuqu mkaħħla bit-tajn. Meta ftaħnih, sibna wara l-ħaġra, tebut bħal dawk li għedt qabel, imma ġdid u abjad ħalib, qisu għadu ħiereġ minn id l-imgħallem. Il-ħżuż ta' biċċa għodda bis-snien, bħal barraxa, u l-ħażż fil-qiegħ tiegħu biex jinqatagħ indaqs, kienu jidhru beraħ: jatik taħseb li għamluh hemm il-bieraħ. Iżjed il-ġewwa, wara dat-tebut, kien hemm għadam ta' bniedem, bil-għadmiet tar-riġlejn fuq il-għadam tas-sider. Dan juri li kienu jiksru saqajn il-mejtin qabel ma jidfnuhom, bħal ma jagħmlu l-lhud il-lum, f'Gerusalemm.

Il-għadam li kien hawn, kien immermer, iwa, imma għadu ma sarx trab bħall-għadam li kien fil-kokim l-oħra. Kien hemm xi kisriet mill-għadam tar-ras, li nkiser bit-toqol tiegħu n-nifsu mat-tul tas-snin. Il-għadam l-ieħor, jekk tagħfsu ftit wieħed bejn subajk, kien jitfarrak, bħal ma jiġri jekk taqbad għoqda zokkor ismar.

Fil-kokim l-oħra, f'kull wieħed, kien hemm xi mogħla xiber trab tal-għadam, u xi għadma l'hawn u l'hemm li ma laħqetx saret trab għal kollox. Sibna xi ħmistax jew għoxrin musbieħ, quddiem il-kokim, minn barra; mhux imsiebaħ qanagħnin, bħal dawn li għandna hawn Malta sal-lum, imma għamla oħra: imdawrin, u biż-żernuna fejn iqegħdu l-ftila, u toqba fin-nofs, minn fejn jimlewh biż-żejt, kollha kien fihom atar in-nar. Tara bħalhom il-Mużew tal-belt. Kien hemm minnhom bħal imżejnin b'xi ħżuż, u x'erbgħa kellhom naqra ta' salib in-naħa ta' wara tagħhom. Salib biżantin, bl-erbgħat itruf indaqs. Sibna wkoll borma miksura, b'qiegħha iswed bid-duħħan.

Ġewwa l-kokim, fit-trab tal-għadam sibna għadd kbir ta' żibeġ, ta' kull daqs. Kienu ħnienaq tan-nisa u bniet li difnuhom bihom; sibna wkoll xi ħwietem, tal-ħadid u taż-żġieġ, u xi wieħed tal-inħas ukoll. Sibna kemm il-ġolġol tal-inħas, li kienu jidfnuhom mat-trabi. Kien hemm ukoll qatigħ imsiemer tal-ħadid, qosra bir-ras wiesgħa; ma nafx għal fejn kienu jiswew.

Fit-trab iswed tal-għadam ġewwa wieħed mit-twiebet, sibna naqra ta' salib tal-inħas. Salib ta' kafkaf, twil daqs għaqsa ta' saba, u rqiq. Fih toqba fejn jiddendel, u f'nofsu,

imżejjen bi bħal warda, ta' kafkaf kemm tista' tkun. Taf x'sibna wkoll? Qatt ma taqta'! Id żgħira tal-inħas! Fiha sitt iswaba' u fiha mnejn tiddendel ukoll, bħas-salib. Min jaf xi tfisser? Tlett iswaba magħluqa, u tlieta nofs miftuħa.

Sibna wkoll xi tlett iħbub. Ħabba minnhom fiha tnejn min-nies għeri, bil-wieqfa, u f'nofshom żewġ srabat tikek bħal ħannieqa żibeġ. Iż-żewġ ħabbiet l-oħra (waħda minnhom għada għandi) ma nafx x'fihom għax imsaddin. Dan kollox.

Minn naqra ta' qabar bħal dan, wisq ħwejjeġ wieħed jista' jitgħallem, l-iżjed jekk ikun jifhem. Jien ma nifhimx, imma xi teftufa trid tkun bla għajnejn biex ma tarahiex.

Dan kien qabar ta' għajla lhudija, li mbagħad saru nsara. Kien qabar ta' wisq nies, għax fih disagħ kokim, u dak il-għadam kollu: ta' nisa (jingħarfu miż-żibeġ); ta' rġiel (ħwietem tal-ħadid); u ta' trabi (il-ġlieġel). Ma kien qabar tal-belt kollha, għax ma dwarhu hemm oqbra oħra kemm trid. Kien qabar tal-lhud, u jidher mill-għamla tiegħu, b'dawk il-fran, u mill-għamla tat-twiebet tal-ħaġar. Kienu lhud insara, u dan jidher mis-slaleb ta' fuq l-imsiebaħ, u l-aktar mis-salib tal-inħas.

Issa billi l-qabar kien mimli bit-trab u xi żrar (u għalhekk ma satax daħal mal-ilma mix-xquq ta' bejn il-ħaġra u l-bieb) jidher li sjied il-qabar ħallewh għal bil-għani, la kellhom iż-żmien igħattu l-għadam ta' nieshom bit-trab. Tarġa',la darba kien għad hemm qabar bil-għadam ta'bniedem wieħed biss, u li kienu għad jistgħu jidfnu fih mejtin oħra, jidher, li dawn sjiedu ħallewh mhux għax ma setgħux jidfnu fih iżjed, imma għal xi ħaġ'oħra. Jaħasra! Aktarx għax riedu jaħarbu qabel ma jaslu fuqhom il-għarab mal-Khalif Għomar fis-sena 796 wara Kristu.

* * *

Imma taf x'jolqtok aktar minn kollox? Il-frugħa ta' din il-ħajja! Hekk kont ingħid bejni u bejn ruħi, x'ħin kont inkun waħdi ma' dak il-għadam immermer: dawn kienu nies bħalna; minn jaf kemm niżlu f'Wied Surik, u mlew l-ilma minn Bir-Koba, hawn isfel. Min jaf kemm telgħu fuq dawn l-iġbla, fejn nitla' jien qiesni kull nhar ta' Ħadd. Min jaf kemm għannew "Għal ja Dilgħuna!" bħal ma jgħannu l-Fallaħin tal-lum. U issa? Issa trab, u xi għadma msewsa! Għexu, l-aktar mitt sena, u mietu, s'issa, għal xi ħmistax-il-mitt sena, aktar, jew xi ftit, anqas! Muleja, kemm hi qasira ħajjitna, fejn ir-raqda twila-twila tal-mewt!

Tassew li: *Fugit velut umbra.... terra et cinis!*

L. C.

# ĦERBA

*(VILLA RUMANA)*

## SUNETT

Lill-Prof. Sir T. Zammit
li kixifha.

Hemm, fejn iż-żerq tas-sema jbus il-ħdura
li tlibbes il-għoljiet ta' Għajn Tuffieħa,
hemm għadhom is-sisien li juru s-sura
li kellha darba dik id-Dar sabiħa:

għadu hemm il-mużajk li îd għajjura
għaddiet b'difrejha, kif is-Sengħa lħiħa
kienet titlob ta' Ruma; iżda miġbura
f'daħla mwarrba l-kusien ta' l-oħla fwieħa,

u l-Penati, il-kolonni, il-palm fil-qsari,
għaxqa waħdiena ta' xi Sidt kburija
minn dawk li Ruma kienet tnissel dari,

ma għadhomx hemm: għebet id-dama w ġidha:
bil-qegħda fuq il-ħerba mistoħbija
tidħak il-Mewt bl-arloġġ u l-minġel f'idha.

17/12/32.

Dun Karm.

# MIKIEL ANTON VASSALLI

*Jorbot ma' l-Għadd ta' qabel paġ.* 112

Il-Prijurat tar-Russia fit-tixlija li għamel kontra l-Gran Mastru Hompesch fl-aħħar semma b'isimhom lil dawk il-Kavalieri li kif deherlu kienu nies li *ikkonfoffaw kontra l-Ordni* u *"li għalhekk il-Gran Mastru kien messu neħħihom mill-karika tagħhom, il-għaliex id-destin ta' Malta kien imsensel ma' għemilhom.* Dawn il-Kavalieri li kien jafhom kulħadd, u saħansitra Hompesch, kienu: il-Prinċep Camillo de Rohan, Bosredon de Ransijat, Bardonenche, Tousard, is-segretarju Doublet u De Fay". Iżda fost dawn, wara li tgħarbel u tiġbor kollox, tnejn biss nistgħu ngħidu li kellhom x'jaqsmu fit-tixwix u konfofof li saru fi żmien Vassalli, u dawn huma t-tnejn imsemmijin mill-istess Vassalli, *jekk dawn (tarġa' tgħid) ġew tassew imsemmijin minnu.* Issa, sew il-Prinċep Camillo de Rohan kemm Bosredon de Ransijat stkarrew bil-miktub illi huma ma kienu mdeffsin bl-ebda mod fit-tixwix u qerq li sar kontra l-Ordni. Bosredon ma qagħadx jaħli wisq kliem fil-Prefazzjoni tiegħu tal-"Giornale dell'Assedio e Blocco di Malta". (1843) biex imieri dak kollu li ntqal fuqu. Huwa ma sarx jaf bil-Memorjal li ħareġ, f'Ġermania, Ferdinando Hompesch, u l-anqas bil-Protesta tal-Prijurat tar-Russia ħlief wara li l-Franċiżi kienu telqu minn Malta, mita huwa kien wasal Marsilja. Kontra dak li fuqu qal Hompesch, huwa isemmi biss dik il-biċċa ta' mita l-armata ta' Napuljun kienet nieżla l-art, fejn stqarr illi huwa bagħat igħid b'ittra lill-Gran Mastru illi hu telaq minn Teżorier ta' l-Ordni "*għax ir-rabta li kellu ma' l-Ordni kienet dik li jikkombatti t-Tork u mhux lill-pajjiżani tiegħu,*" fejn imaqdar ukoll lil Hompesch talli (ladarba deherlu li ma kellux iħalli lill-bastimenti ta' Napuljun jidħlu fil-Port) ma żammx iebes, iżda ċieda fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa fortizza hekk qawwija bħalma hi dik ta' Malta li setgħet, biex ingħid hekk, tilqa' ruħha biha infisha; għat-tixlijiet li sarulu mill-Prijurat tar-Russia (fejn semmewh bħala wieħed li mexxa lil Vassalli fil-konfeffa li dana għamel) Bosredon ma tniffes b'xejn, iżda fejn jidher li tawh il-ħtija, bħala traditur tal-Ordni għad-daħla tal-Franċiżi f'Malta, hu wieġeb illi "dak iż-żmien tad-daħla tal-Franċiżi f'Malta, ebda Kavalier russu ma kien hawn fil-post u għalhekk dawna kellhom joqogħdu fuq xiehda li ma kienx ta' min jemminhom. U biex iwettaq dan kollu, huwa stampa u ħareġ "Il Giornale dell'Assedio e Blocco di Malta" bl-Ittri u l-Memorjali bħala Appendiċi, fejn wera minn taħt li hu *kellu bosta prinċipji demokratiċi li bihom ma satax jaqbel ma' dawk ta' l-Ordni, iżda iva ma' dawk ta' Vassalli u tal-Partit Ġakbin.*

Dawn il-prinċipji hu jisqarrihom u mħabba fihom, kif igħid hu, sħabu l-Kavalieri Franċiżi, infexxew kontrih u pinġewh ikreh sa mill-bidu nett tar-Rivoluzzjoni Franċiża (1).

Il-Prinċep Camillo de Rohan, Ballju u Gran Prijur tal-Aquitania, waqt il-Proċess ta' Vassalli jidher li kien qiegħed hawn Malta, iżda mita ħarġet il-Protesta bil-Manifest tal-Prijurat tar-Russia, huwa kien qiegħed jivvjaġġa fl-Italia u mħabba f'saħħtu waqaf f'Firenze minn fejn, wara li qara t-tixlijiet li sarulu f'dak il-Manifest,huwa wieġeb bi tlitt Ittri: waħda mibgħuta lill-Imperatur tar-Russia, oħra lir-Re tiegħu u l-oħra lill-Gran Prijurat tar-Russia bi Pro-Memoria magħha. Fit-tlitt Ittri huwa ma jagħmilx ħlief jitlob bi ħniena sabiex lilu jingħata l-passaport u l-permess li jitlaq għal Pietroburgo u jidher quddiem il-Membri tal-Prijurat tar-Russia biex minnhom, wara li jġib il-provi tal-innoċenza tiegħu, ikollu l-ħaqq u jitħallas tal-ħsara li saritlu fil-ġieħ ta' ismu, bil-gidba li intqalet fuqu fil-Proċess ta' Vassalli. Huwa għalhekk, għalkemm magħdur f'saħħtu, kien ħaseb biex jitlaq għal Vienna għand il-Prinċipessa Lorraine, oħtu, minn fejn jistenna bla sabar it-tweġiba għat-talba li għamel. "Jekk jiena ħati lejn l-Ordni", kiteb lill-Prijurat tar-Russia, "jekk jiena ndeħist f'xi waħda mill-konfofof waħxija li fihom saret xi nassa għall-qirda ta' l-Ordni, irrid li għal din il-ħtija twieġeb rasi. Intom agħmlu minnha, jiena għandi nieħu l-mewt. Jekk fini ma hemm ebda ħtija, intom għandkom ixxandru l-innoċenza tiegħu. Intom għandkom titħalsu minn mîn kasbarni, intom għandkom trodduli l-istat, il-mistrieħ, il-ġieħ tiegħi. Intom għandkom tpattuli għal din il-ħsara bl-iktar xhieda meħtieġa u ċara. Din il-ħaġa għandu jedd għaliha ismi; għandha jedd għaliha l-Europa kollha, li tistennieha minnkom." Fil-Pro-memoria, talab għalhekk, u sejjaħ il-għajnuna u l-ħaqq ta' l-Imperatur tar-Russia, tar-Re ta' l-Ingilterra u tar-Re ta' Napli biex dawn jordnaw lill-Ambaxxaturi tagħhom, Ammiralli, Generali ta' l-armati tagħhom ta' l-art u tal-baħar u awtoritaijiet ċivili u militari, li jinsabu fl-art ta' Malta, sabiex, mita jarġa' lejn Malta, jarrestaw lil VASSALLO li kien ġie ikkundannat il-ħabs għal għomru mill-imsemmija Kummissjoni Kriminali bil-ħsieb illi dana VASSALLO jarġa' jiġi mistoqsi quddiem Qorti oħra fejn dan il-bniedem għandu, jew igiddeb ruħu jew iwettaq ix-xhieda li kien ta kontra tiegħu. Il-Prinċep Camillo talab illi fuq il-mistoqsijiet li jsiru lil

(1) Ara l-Ittri. paġ. 21-26 u paġ. 65-79 fl-istess "Giornale etc". Biċċa minn dawn l-ittri u memorjali, l-iktar il-memorjal fil-paġna 71: "Unione dei Maltesi al Governo dell'Ordine" juru illi l-idejjiet tal-Memorjal ta' Vassalli u dawk ta' Ransijat f'dawn l-ittri u memorjali kienu waħda.

VASSALLO u t-tweġibijiet li dana jati, huwa jkollu d-dritt li iġibu quddiem Qorti li tikkundannah bħala ħati ta' klajja' kontra l-persuna tiegħu. Il-Prinċep Camillo talab fl-aħħarnett lill-Ambaxxaturi ta' kull waħda minn dawn il-Potenzi li qegħdin fil-Qorti Rjali tal-Gran Duka ta' Toscana biex dana jaħseb iressaq it-talba tiegħu lir-Rejjiet tagħhom. (1)

Dawn l-Ittri u l-Pro-Memoria nbagħtu minn Firenze u iġibu d-data tal-24 ta' Diċembru, 1798. Din id-data taħbat sewwa mita l-Franċiżi kienu għadhom imblokkati mill-Maltin ġewwa l-Belt ta' Malta u għalhekk naħsbu illi f'dak it-taħwid dawn il-protesti sfaw fix-xejn.

Doublet, is-Segretarju ta' l-Ordni, xejn ma jsemmi fuq Vassalli u l-anqas fuq il-Proċess tiegħu fil-Memorji li kien kiteb "Memoires sur l'Invasion et Occupation de Malte" u dan is-skiet jatina x'naħsbu illi jew hu jew sħabu kellhom tassew x'jaqsmu fil-konfofof li kienu saru kontra l-Ordni flimkien mal-Kap tar-rewixta li kellha tqum.

Bniedem ieħor tal-Ordni msemmi mill-istoriċi tagħna, li, kif intqal, kien jikkorrispondi minn Pariġi b'ittri mal-Ġakbini ta' Malta, huwa l-Kommendatur Déodat Dolomieu tal-Lingua t'Alvernia li kien tlewwem mal-Gran Mastru fuq kwistjoni ta' anzjanità li kienet tmissu, baqa' mgħaddab mal-Ordni u għalhekk flok ma raġa' lejn Malta, wara li rebaħ il-Kawża f'Ruma, telak għal Franza, indeħes mal-Partit Ġakbin, u *kif igħidu*, baqa' hemmhekk għal dejjem jaħmi kontra l-Ordni.

Dolomieu, bniedem għaref fix-xjenzi naturali, u l-iktar fil-geoloġja, kien wisq miġjub minn Napuljun u minnu kien ġie magħżul bħala wieħed fost dawk il-għorrief li kien ħa miegħu għall-ispedizzjon ta' l-Eġittu. Hu kien ukoll li fid-daħla ta' Napuljun f'Malta flimkien mal-Ġeneral Junot u mal-Ġeneral Kontrollur M. Poussielgue, mibgħut minn Napuljun, niżel l-art minn fuq l-"Orient" biex jiftiehem ma' Hompesch bħala ambaxxatur biex jieqfu l-armi bejn il-Franċiżi u l-Maltin. Jingħad illi Dolomieu kellu jitgħabba b'dan l-inka-

(1) Fil-Pro-Memoria hemm imniżżlin dawn in-noti illi :—

(a) il-Prinċep Camillo għandu f'idejh Dikjarazzjoni ta' wieħed mill-erba' Ballji Kummissjonarji u Mħallfin fil-Proċess tal-imsemmi Vassallo, li turi illi l-isem tal-Prinċep qatt ma ssemma fil-kawża quddiem il-Qorti tal-imsemmi Proċess u Dikjarazzjoni ta' xi kavalieri bid-data tat-3 ta' Diċembru, 1798.

(b) illi Vassallo kien talab li b'mod speċjali jitkellem ma' Libreri li dik il-ħabta kien Fiskal u Qassis tal-Ordni, u dan il-Fiskal għarraf lill-Kummissjoni illi Vassallo kien stqarrlu "li hu sama' min igħid illi l-Prinċep kien imdaħħal fil-konfeffa u xejn iżjed".

riku kontra qalbu, u għalkemm kien imwiegħer ma' l-Ordni, daħal il-Palazz tal-Gran Mastru jibki.

Mill-ittri ta' l-istess Dolomieu (miġburin minn A. Lacroix, "Déodat Dolomieu".—Paris. 1921) ma jidhirx illi dan il-bniedem kien żamm ebda korrispondenza mal-Ġakbini ta' Malta.

Billi kellu qalbu mwaġġa' mid-deni li kien sarlu bil-għawi u tbixkil ta' sħabu l-kavalieri u mill-inġustizzi tal-Gvern ta' l-Ordni, hu kien ħass il-bżonn li jduq il-fewġa tal-Libertà franċiża ta' Pajjiżu fejn dehirlu illi bil-prinċipji ġodda ta' Ħaqq, Dawl u Demokrazija sata' jinfeda mill-jasar ta' dik il-ħajja ta' qilla u dlamijiet bħal ma kienet dik ta' l-aħħar żminijiet ta' l-Ordni f'Malta. L-egħdewwa tiegħu f'Malta, fosthom l-aqwa, il-kavalier Loras, biex jagħmlulu id-deni, għall-ħabta tas-sena 1790,mita dana kien Malta, kienu xerduhielu li *hu kien l-ispjun tal-Assemblea Franċiża Nazzjonali, illi huwa kien qiegħed jikkonfoffa kontra l-Ordni, illi hu irid iqajjem il-pajjiż* (*hu li kif jistqarr f'ittra, ma kien jitkellem ma' ebda Malti*), *illi hu qiegħed imexxi l-pjan għall-qirda ta' l-Ordni* (1). Dolomieu, fil-waqt li kien Pariġi,kien kiteb lill-kavalier de Fay, Kummissarju tal-Fortifikazzjonijiet f'Malta, fejn fissirlu illi huwa ma kienx qiegħed imur fil-*Club* tal-Ġakbini, iżda f'dak tax-Xirka li kellha prinċipji iżjed xierqa u meqjusa u fiha kienu jinġabru l-aħjar nies u l-kotra tal-membri ta' l-Assemblea Nazzjonali Kontra din, kien hemm iż-żewġ partiti ħorox li kienu dak ta' l-Aristokratiċi u dak tar-Repubblikani. F'Ottubru tal-1791, insibu li Dolomieu kien ingħaqad ma' Xirka oħra jisimha l-*Club des Feuillants* (2) li fiha kienu daħlu bosta mill-membri ta' dik ta' qabel, kollha nies "monarkiċi costituzzjonali" li ma kenux jaqblu mal-Partit tal-Ġakbini. Dan iż-żmien Vassalli kien għadu ma ndeħes b'xejn fit-tixwix tal-Maltin kontra l-Ordni; mill-1796 il-quddiem, aħna ma nafux sewwa x'kienu x-xeħtiet politiċi ta' Dolomieu u x'sehem sata' kellu mat-taħwid illi kien inqala' hawn Malta, iżda mill-ittri li dana ħalla u nġabru minn Lacroix, ma jidher li mxiet ebda korrispondenza bejnu u l-Partit Ġakbin ta' hawn Malta.

* * *

Wara s-sentenza tat-12 ta' Ġunju, 1797, aħna ma nafux sewwa bil-ftietaq kollha tal-ħabs li bata Vassallo ġewwa l-

(1) Ara "Déodat Dolomieu". A. Lacroix. Tom. I. paġ. 249.

(2) Din ix-Xirka kellha t-tama illi r-Re Luigi XVI jilqa' bis-sedqa kollha l-Kostituzzjoni. Il-programm tagħhom kien li huma jiddefendu dik il-monarkija li tpoġġi fuq il-prinċipji tagħhom.

Forti Riċażli fejn ġie ikkundannat għal għomru. Aħna ma nafux kemm dam ġewwa dan il-ħabs, nafu biss, minn dak li qalilna Gio-Antonio Vassallo, illi wara *ftit* lil Vassalli għabbewh fuq bastiment grieg u niżżluh fl-art ta' Salerno. X'għadda minn Vassalli minn dak iż-żmien sakemm daħlu l-Franċiżi f'Malta jew aħjar sat-28 ta' Settembru, 1799, mita l-Franċiżi kienu mblokkati mill-Maltin ġewwa l-Belt, aħna ma nafux sewwa, u għalkemm fittixna u qallibna, għad ma rnexxilniex inkunu nafuh. Il-fehma ta' bosta hija li hu iktarx ingħaqad ma' sħabu li kienu ġew itturrufnati, fosthom, ma' Barbara, magħruf minn xi Storiċi Taljani, bħala wieħed mill-iktar kursari qalbiena fil-Mediterran, għaliex kien wieħed mill-aqwa partitarji tal-Gvern Franċiż. Naħsbu illi hawn Malta f'dak iż-żmien, għall-ħila u qawwa ta' qalb li wera, minnu 'l-Gvern Franċiż sata' jieħu l-akbar għajnuna u għalhekk insibu, li għalkemm fittex li joqgħod taħt it-tmexxija tal-għaqli Vassalli, Barbara, bħala venturier, kien hu li għamel wiċċu minn quddiem u ftiehem ma' dawk l-aġenti tad-Direttorju li f'idejhom kellhom il-pjani għall-priża ta' Malta,u għalhekk narawh illi, malli ġie itturrufnat minn Malta u rifes l-art tal-Italia, telaq għal Milan u hemmhekk għarraf lil Napuljun bl-istat imħawwad ta' Malta, bil-bruda ta' bosta mill-Kavalieri lejn il-Gvern tal-Ordni u x-xewqa ta' bosta Maltin biex Franza tindaħal għalihom. Hardman (History of Malta, 1909 paġ. 7.) jaħseb li fuq dan kollu li bih kien għarrfu Barbara, Napuljun għamel dmiru u għarraf ukoll lid-Direttorju b'ittra miktuba fis-26 ta' Mejju, 1797. Billi d-data ta' din l-ittra taħbat xi tmintax-il-ġurnata qabel is-sentenza ta' Vassalli u sħabu, jidher illi Napuljun kien kiteb lid-Direttorju fuq tagħrif mibgħut lilu b'korrispondenza jew lilu mogħti bil-fomm minn ħaddieħor u mhux le minn Barbara stess.

Minn dispaċċi u ittri mibgħutin mill-Ammirall Brueys, filwaqt li dana kien qiegħed fil-Kwartier ta' Passeriano f'Settembru tal-1797, jidher illi *għall-aħħar ta' Settembru 1797* (jiġifieri mat-tlitt xhur u nofs wara s-sentenza) Barbara ħaduh fuq bastiment tal-flotta franċiża u nbagħad, sabiex ikollu posizzjoni uffiċjali, ġie mogħti l-karika ta' Sottu-Tenent (fizzjal b'waħda) taħt il-Kaptan Le Joille fuq il-bastiment *Dubois.* Jidher illi huwa mar Corfù mal-flotta franċiża u minn hemm f'nofs Novembru 1797 telaq abbord ta' waħda mill-fregati "La Justice" u "l'Artemise għar-rotta ta' Malta fejn kellu jiltaqa' ma' Poussielgue (segretarju tal-Ambaxxata Franċiża f'Genova) li kien mibgħut minn Napuljun biex jitkixxef u jiftiehem mal-partitarji Franċiżi fuq il-priża ta'

Malta. Fid-19 ta' Diċembru, 1797 l-Ammirall Brueys kiteb lill-Napuljun u għarrfu illi "Census Barbara ġie mibgħut lejn Malta". F'din l-ittra fisser illi ż-żewġ bastimenti "La Justice" u "L'Artémise" għandhom iniżżlu u jħallu lil Barbara f'Malta bil-pretest li jieħu minn għand il-Konslu Franċiż x'informazzjonijiet dwar il-kursali li kienu qegħdin jikkorseġġaw f'dawk l-ibħra. Huma u sejrin l-ura lejn Corfù kellhom jerġgħu igħabbu lil Barbara. Din id-darba l-bastiment *La Justice* ġarr fuqu Malti ieħor, illi ismu mhu msemmi b'xejn, iżda Brueys ipinġih bħala *wieħed mill-partitarji franċiżi, rasu sħuna, illi kiser il-quarantina sabiex jimbarka fuq il-*Justice *u ħalla l-mara u l-familja u s-sengħa jew negozju tiegħu biex ingaġġa abbord mal-Franċiżi.* Barbara huwa u sejjer Tulun mal-Ammirall Brueys fit-3 ta' Marzu 1798 raġa' għadda minn Malta u din id-darba kien fuq id-*Dubois.*

Fid-dħla ta' Napuljun bil-flotta u l-armata tiegħu f'Malta fid-9 ta' Ġunju, 1798 Poussielgue u Barbara kienu qegħdin abbord ta' wieħed mill-bastimenti. Barbara, kif jidher minn relazzjoni magħmula minn Fra Augusto Viè Cesarini tal-Ordni ta' San Ġwann, niżel l-art mas-suldati Franċiżi li kienu xterrdu mal-kampanja ta' Malta u offra ruħu li jmexxihom hu. Huwa kien ukoll mexa quddiem nett mad-diviżjoni tal-Ġeneral Voubois u resaq lejn l-Imdina bil-ħsieb li jġiegħel lill-Ħakem u lill-Ġurati jċiedu l-Belt lill-Franċiżi. Fil-waqt li il-Ħakem u l-Ġurati nġemgħu fil-Palazz tal-Isqof Labini, biex jiftiehmu x'għandu jsir, Censu Barbara b'isem Bonaparti bagħat jistaqsihom u talab li jwieġbuh x'bi ħsiebhom jagħmlu, jilqgħux lis-suldati Franċiżi bħala ħbieb jew bħala għedewwa. Dawna, billi ma kellhomx biex jilqgħu ruħhom, weġbuh li huma jċiedu l-belt bil-patt li jitħarsu r-reliġjon, il-libertà, il-beni u l-privileġġi tal-poplu.

Għall-aħħar ta' Diċembru tal-1799 insibu li Menard il-Kummissarju tal-Marina talab b'ittra lill-Ġeneral Vaubois sabiex jati permess jitlaq għal Franza lill-ispija tagħhom Censu Barbara bil-ħsieb li jmur jati xi pariri fuq xi pjani għar-rinforzi li kienu qegħdin jitlestew f'Tulun. Barbara, li dik il-ħabta tal-Blokk kien qiegħed imexxi l-inżul ta' nies min-naħa tal-Punent tal-Gżira, wara li ġieh il-permess, telaq għal Franza, iżda huwa u sejjer ġie maqbud mill-Bey ta' Tunes u, skond ma jidher min-nota tal-ittra ta' Menard, "poġġewh jaħdem fix-xogħlijiet pubbliċi tal-Bey u tawh qoffa kbira apposta biex biha jġorr l-oġġetti." Wara dan kollu, fuq Barbara ma nsama' xejn iżjed sa kemm damu l-Franċiżi hawn Malta.

U sieħbu Vassalli? Fuq dana l-ebda tifkira bil-miktub ma stajna nsibu x'kien sar minnu mita wara s-sentenza tat-12 ta' Ġunju, 1797 huwa kien telaq mill-ħabs tar-Rikażli u niżel l-art ta' Salerno. Xi wħud qalu li hu raġa' lejn il-Gżira flimkien ma' Barbara mita dana daħal mal-flotta ta' Napuljun, u dana jixħdu l-istess dokument li minnu sirna nafu kif, wara sentejn u tlitt xhur minn dik is-sentenza, Vassalli kien qiegħed ġol-Belt (Valletta) ta'Malta fost dawk li kienu mblokkati mill-Maltin, bil-grad ta' Ajjutant tal-Guardia Nazzjonali Maltija.

*(jissokta)* A. C.

# IL-LSIEN TA' PAJJIŻI

SUNETT

Kien għad ma kellix dehen; kont tarbija
meta bdejt nisma' jdoqq f'widnejja l-kliem
ta' art twelidi; mxejt qajl il-quddiem
u 'l din u 'l dan bdejt nagħmel mistoqsija.

Ma' ninsa qatt kemm kellha ħajr għalija
ommi l-maħbuba, li ġenbi bil-ħżiem,
saħħet u moħħi bit-tweġib; ma diem
xejn da l-lsien ma saħħarni fiż-żgħużija.

Miktub fis-sema fuq rasi sabiħ
rajtu w fil-ward li bih din l-art tistgħana,
rajtu fil-baħar, l-aktar xħin mistrieħ.

U qabel nitlaq minn din l-art ħanina,
biex nittajjar lejn Alla, l-Missier tagħna
b'da'l-lsien insejjaħ lil min miet għalina.

**Mons. Gauci**

# FRA LUĊENZ

Ta' kull sena, fi żmien il-lampuki, Fra Luċenz kien jinżel niżla Wied iż-Żurriq jagħmel iċ-ċirka qalb is-sajjieda. U mita kienu jaqbdu, kien idabbarha tajjeb, għax Fra Luċenz ma kienx bniedem li jitolbok u ma tatihx. Raġel dħuli għallaħħar, li kien xellifhom l-erbgħin sena, wiċċu mfaqqa' u dejjem bid-daħka; kull fejn imur, in-nies tafu, kullimkien għandu l-ħbieb, qatt ma joħroġ mill-Kunvent li ma jerġâx jidħol bil-ħorġa mimlija.

Kien dħul ix-xahar tar-Rużarju; sema safi, arja ħelwa, baħar żejt. "Il-lum jaqbdu l-lampuki," qal bejnu u bejn ruħu Fra Luċenz, u minnufih irħielha lejn Wied iż-Żurriq. Malli lemħuh nieżel man-niżla, li minn fuq il-Ħnejja tibqa' sejra sal-baħar, kemm nies kien hemm ix-xatt, fuq il-blat, fil-bwieb tad-djar bdew igħajjtu: "Ġej Fra Luċenz! Ġej Fra Luċenz! Sajda tajba l-lum! SanFranġisk jibagħtilna r-risq!" "X'hemm uliedi?" qallhom Fra Luċenz xħin wasal ħdejhom. "Ħarġu għal-lampuki dal-lejl?"

"Ħarġu;" weġbuh il-koll f'daqqa, "u qegħdin nistennewhom deħlin; jalla jaqbdu; ilhom ħafna ma jaqbdu denb ta' ħuta. Anqas ħaqq il-lixka! Donnu l-baħar nixef!"

"Tibżgħux uliedi," qallhom bil-ħlewwa Fra Luċenz biex ifarraġhom, "San Franġisk jibagħtilkom il-ġid. Tgħidli qalbi l-lum jaqbdu."

"Minn fommok għal fomm Alla," weġbuh ferħanin. U dlonk reġgħu bdew igħarrxu fil-bogħod biex jaraw jilmħux xi nikta bajda fil-firxa kbira u wiesgħa tal-baħar.

Għaddiet siegħa u d-dgħajjes bdew deħlin. L-ewwel ma daħlet id-dgħajsa ta' Pawlu l-aħmar, mimlija sa nofsha b'lampuki ta' ratal u ratal u nofs il-waħda. "San Franġisk bagħtilna l-ġid; ilqa' Fra." U malajr newwillu żewġ lampukiet mill-isbaħ li kellu.

Ma damux ma daħlu ta' Ċnejsu, il-Bandlu u s-sajjieda l-oħra. Kien ilhom ma jaqbdu qabda bħal dik. Imqar l-iżgħar qoxra daħlet imfawwra bil-lampuki. U Fra Luċenz jilqa' l-lampuki minn għand kull wieħed u lil kullħadd iwieġeb bi tbissima ħelwa: "San Franġisk ikattar."

Biex jerġa' l-ura lejn il-Kunvent b'dik it-tagħbija ħut fuq dahru, kien ikun għaqal it-tfal. X'jaqbdu jagħmlu bih dak il-ħut kollu l-Kunvent? Għal seba' rħieb li kienu, żewġ lam-

pukiet biż-żejjed. U l-bqija? Iqassmuhom lill-foqra? Imma l-ewwel foqra kienu huma. Ibigħuhom? Mela jista' jbigħhom hu, u ma jitgħabbiex bihom sal-Kunvent.

Hekk ħasibha Fra Luċenz u ma damux ma daru miegħu x-xerrejja li mbagħad imorru jbiegħu fir-rħula. Il-Fra, li kien jaf kif imorru dawn il-ħwejjeġ, tbiegħed xi tlett iqjiem jew erbgħa u bdew resqin lejh wieħed, wieħed ix-xerrejja, u kull wieħed iwaħħal xofftejh ma' widnet il-Fra, idawwar idejh it-tnejn madwar fommu u jfesfislu xi ħaġa u jwarrab biex warajh jersaq ieħor.

Max-xerrejja kien hemm Grezz ta' Żingla, mara li ara ddendel kusek magħha! Resqet hi wkoll lejn il-Fra biex tfesfislu xi ħaġa f'widnejh, imma ma ħallihiex. Mela x'inhu! Dalwaqt se' jħalli mara tkellmu f'widnejh! U n-nies xi tgħid? Li jidħol f'ħanut jiekol bukkun u jixrob qatra mal-ħbieb, fiha u ma fihiex, imma wiċċ lin-nisa ma tahom qatt, u fuq daqs-hekk ħadd ma kien jista' jgħid xejn fih.

Grezz, malli rat li l-ħsieb li kellha li taqla' żewġ soldi minn fuq Fra Luċenz tarilha mar-riħ, bdiet tgħajjru b'sebât ilsna, u teħodha miegħu qatta bla ħabel.

Ir-rġiel, li kienu hemm, daru fuqha biex isikktuha; imma Fra Luċenz xejn ma ħabbat rasu. Ħallieha titbaqbaq u tit-masħan kemm riedet; biegħ il-ħut lil min tah l-aktar, qabad il-flus, rabathom għoqda f'tarf il-maktur u daħħalhom fi ħżiemu.

Żamm għalih lampuka waħda. Għax, kos, tmur ħdejn il-baħar, tara dak il-ġid kollu u ma titrejjaqx ma kenitx ħaġa li jagħmilha Fra Luċenz. Daħal f'ħanut. Erba' rġiel li kienu bil-qiegħda madwar mejda, malli rawh dieħel, daru lejh jifir-ħulu: "Tajba l-lum, Fra! Morna tajjeb, eh?" Imma l-Fra dak il-ħin ma kellux moħħ il-kliem żejjed; xeħet il-lampuka fuq il-mejda u qallhom: "Ara min se' jħallas l-inbid u l-ħobż u nieklu dil-lampuka flimkien." Kullħadd għoġbitu, u malajr sieħu lil tal-ħanut : "Isa, hawn dil-lampuka, agħmel erba' għaġiniet għalina l-ħamsa u la ddumx."

Sa kemm kien lest l-ikel qagħdu jitħaddtu fuq is-sajd. "Żmien ħażin," qalulu, "ilna xhur ma naqbdu ħuta. Ħlief xi wiżna vopi, mita tiġina tajba, ma naqbdux. Il-fanfri bil-kemm rajniehom. U biex tiġina minn kullimkien, intela kull ma hawn bid-dniefel li jieklu l-ħut li jkun inqabad u jqattgħu għażel u konzijiet u jagħmlulna ħsara kbira."

Fra Luċenz ħass qalbu tingħafas; kien hu wkoll bin ix-xogħol u, qabel ma daħal ajk, ħtieġlu jaħdem u jbati biex

igħin lil missieru. Imma biex iderrilhom, qalilhom: "Imma l-lum il-Bambin bagħathielkom tajba; il-lum tpattu għal mita qbadtu ftit jew xejn."

"Iwa, imma aħna mhux il-lum biss irridu nieklu," weġbuh il-koll; "inti ġmielek, Fra, ħobżok maħbuż u żejtek fil-kus, imma aħna ma' kull matla' xemx jaħtiġilna naħsbu għall-ħobż għalina u għal min għandna d-dar." Ma riedx joqgħod għaliha din Fra Luċenz u b'leħen ftit u xejn għoli qalilhom: "Li kien ħobżi maħbuż ma kontx niġi hawn nittallab, u ma kontux tarawni nħabbat bieb bieb u nnewwaħ dejjem: San Franġisk ikattar. Bħalkom irrid naħdem u niġri dejjem minn raħal għal ieħor biex naħseb għal min qiegħed il-Kunvent."

Biex ma jiġbdux aktar fit-tul b'dal-kliem fieragħ, wieħed minnhom dar lejn tal-ħanut u għajjat: "Sa ddum ma ġġibilna nieklu?" "Dal-waqt magħkom," weġibhom minn ġewwa, "sa nniżżel il-għaġin minn fuq in-nar." U ftit wara ħames platti jdaħħnu kienu fuq il-mejda, b'ratlejn għaġin ġo fihom u erba' ġbejniet maħkukin fuqhom. "U l-inbid fejn hu?" għajjat il-Fra, "għax jien jekk ma narax l-inbid fuq il-mejda ma nikolx". "Newwel nofs kwarta minn dak l-inbid li għandek merfugħ għall-ħbieb," qal ieħor lil tal-ħanut.

Kielu l-għaġin kollu u l-lampuka kollha, u xorbu l-inbid u reġgħu xorbu belgħa oħra u għaddew sagħtejn flimkien fl-akbar hena. Xħin qam biex joħroġ FraLuċenz, ħbiebu żammewh; "sejjer?" bdew igħidulu; "oqgħod ftit ieħor; għadu l-ħin; nieħdu belgħa oħra."

"Belgħa oħra neħduha," wieġeb il-Fra bid-daħka, "imma noqgħod iżjed ma nistâx, għax il-ħin qiegħed jagħmel, u jiena għad irrid immur fil-bogħod."

U reġgħu xorbu. Il-Fra sellem lill-erbât iħbieb, ħareġ mill-ħanut, ħalliehom jagħmlu bejniethom il-kontijiet, u hu telaq lejn il-Kunvent bil-barka, li kien bagħatlu San Franġisk filgħodu, marbuta tajjeb fi ħżiemu.

S. N.

# IL-ĦARBA TA' NIKOL TURTORA

Fi żmien il-gwerer ta' Napuljun Bonaparti, l-Ingilterra kienet għaqdet ħafna Riġmenti b'nies barranin. Xi wħud minn dawn ir-Riġmenti ġew hawn Malta biex jagħmlu sehem mill-Gwarniġjon ta' din il-Gżira.

Fost dawn ir-Riġmenti, l-Ingilterra kellha wieħed imgħaqqad bl-Isqallin. Fuq hekk, lil dan tawh l-isem ta' *The Royal Sicilian.*

Dan ir-Riġment, mill-1808 sal-1816, kien jagħmel sehem mill-Gwarniġjon ta' Malta.

Castagna jgħid, fl-Istorja ta' Malta li kiteb, li r-Riġment Sqalli nġieb hawn Malta, imħabba li f'Kapri kien intilef ir-Riġment Malti taħt l-isem ta' *The Royal Regiment of Malta.* Iżda r-Riġment Sqalli ma ġiex Malta mħabba f'dak li qal Castagna, għax ir-Riġment Malti li semmejna kien ġie mgħaqqad mill-ewwel bil-ħsieb li jinbgħat jaqdi dmiru barra minn Malta. Tarġa', is-Suldati tar-Riġment Malti kienu marbuta għal mhux anqas minn 10 snin. Għalhekk, ir-Riġment Sqalli ma kellux x'jaqsam mar-rebħ, jew mat-telf, tar-Riġment Malti. Ir-Riġment Sqalli nġieb Malta għal ebda ħaġ'oħra, ħlief, għal biex jagħmel sehem mill-Gwarniġjon ta' dawn il-Gżejjer, bħal dawk ir-Riġmenti l-oħra li nġiebu hawn sew qablu, kemm ukoll warajh.

Castagna jgħid ukoll, li r-Riġment Sqalli ġie mibgħut minn Malta wara dik l-imġieba ħażina ta' dawn is-Suldati waqt l-Arblu ta' Mejju tal-1814, fil-misraħ ta' quddiem il-Palazz. Dawn l-Isqallin bis-saħħa żejda li għamlu biex in-nies ta' kull darba tintefa' l-ura u tagħmel il-wisa' madwar l-Arblu ta' Mejju kienu ħtija li waqgħu l-balavostri li kien hemm għal Strada Vescovo, u magħhom tgerbu ħafna nies. Mietet mara u ndarbu sewwa 32 ruħ. F'dik it-tfixkila li saret, l-Isqallin bdew jaħtfu kull ma beda jiġi għal idejhom. Iżda r-Riġment Sqalli mhux tassew li minn Malta inbagħat fl-1814, bħalma jrid ifisser Castagna, għax sibna, li sa Marzu tal-1816, dan ir-Riġment kien għadu hawn Malta, ikkwartierat fis-Salvatur.

Fost is-Suldati ta' dan ir-Riġment Sqalli, kien hemm wieħed jismu Nikol Turtora. Dan kien mill-Belt ta' Banevento li, f'dak iż-żmien kienet tagħmel sehem mis-Saltna ta' Napli u Sqallija.

Turtora, wara li daħal Suldat, iddejjaq billi ma satâx isib sabar fil-ħajja li kien fiha. Għalhekk kien ta' sikwit iwarrab mir-Riġment tiegħu u jmur jiġġiera maħrub 'l hemm u 'lhawn biex iderri mis-swied ta' qalb li għamlitlu r-rabta li biha kien marbut. Iżda kull darba jinqabad u tiġi lilu mogħtija xi piena għall-ħtija li jkun għamel. B'dan kollu, Turtora ma nidimx. Malli jara li ġietu x-xoqqa f'moxtha, kien jarġa' jaħrab mill-ġdid. Fl-aħħar il-Kapijiet tiegħu ddejqu. Għaddewh Qorti Marzjali Generali, u ġie mwaħħal li jiffuċillawh fix-xagħra ta' wara l-Mall, il-Furjana.

Turtora ġie mqiegħed fil-ħabs ta' Sant'Jermu. Il-kamra li fiha ġie maqful Turtora kienet mibnija bis-saqaf ħnejja waħda. Il-bibien tagħha bi tnejn, miksijin kollha ħadid. Il-qofol tagħhom ukoll kien tal-ħadid. It-tieqa li minnha kien jidħol xi ftit tad-dawl, kienet kollha vireg tal-ħadid. Għalhekk, fejn ġie mqiegħed Turtora, kienet waħda minn dawk il-kmamar li jneħħulek kull tama ta' ħelsien. Tarġa', dan kollu, barra l-għases li kien hemm mad-dwar biex iħarsu l-ħati minn xi ħarba.

Kollox kien imħejji biex, fil-għodwa tal-10 ta' Jannar 1811, Turtora jiġi ffuċillat. Ir-Riġmenti tal-Gwarniġjon kienu mġegħla biex kollha jibagħtu xi Suldati minn tagħhom ħalli filgħodu jkunu fix-xagħra ta' wara l-Mall għal waqt il-ħin tal-fuċillazzjoni.

Kien għadu bil-kemm beda jżernaq dak il-jum li kellu jkun l-aħħar għal Turtora, mita l-Provost Marshall mar fil-ħabs ta' Sant'Jermu biex jagħmillu żjara. Iżda mita dan daħal fil-kamra, għalkemm il-bibien kienu kollha msaqqra, iċ-ċella kienet battala. Lil Turtora ma sabux hemm.

Mita flew il-kamra sewwa, sabu li din, fiż-żmien, kienet tinfed ma' kmamar oħra. Sabu wkoll, kif igħid il-ġurnalett *Stenterello* tal-1849, dawn il-kelmtejn maħżuża b'ġebla wara l-bieb tal-ħabs: Tortora volò (il-gamiema taret). U Turtora għasfar tassew, bħalma ħalla miktub, għax fittxewh ma' kull-imkien, u ma sabuhx.

Kullħadd baqa' mistagħġeb fuq il-ħarba ta' Turtora. Ħadd ma basar kif dan seta' jiżloq minn ħabs ta' dik il-għamla li semmejna, u waqt li kien imdawwar bil-għases. B'da kollu, Turtora ħaddem dehnu u għaraf isib it-tarf għall-ħelsien tiegħu. Tassew li Turtora, waqt il-ħarba tiegħu, ġie mgħejjun minn xorti kbira li baqgħet miegħu sal-aħħar ħanina qatigħ; iżda din il-għajnuna kienet tistħoqqlu, l-aktar imħabba l-kbira ħila li wera biex irnexxielu jiżloq minn ħalq il-mewt, kif se'r nuru.

Fl-aħħar jum ta' qabel il-fuċillazzjoni ta' Turtora, wieħed qassis mar jagħmillu żjara fiċ-ċella tal-ħabs. Dan beda jsabbru u jhejjih biex jagħmel mewta tajba. Miegħu dam sa kemm daħal il-lejl sewwa. Mita l-qassis ħareġ, ħalla warajh, taparsi nsieh, salib żgħir tal-ħadid bi Kristu msallab li miegħu kien ħa fiċ-ċella ta' Turtora. Dana għamlu bil-fehma biex Turtora joqgħod jaħseb fuq il-mewt li mħabba fina ħa l-Feddej tagħna, u b'hekk ma jara bi kbira xejn il-mewt li kienu se'r jatuh. Iżda Turtora moħħu kien biss ihewden biex jara kif jagħmel u jeħles minn ħalq il-mewt. Wara li Turtora baqa' waħdu, intebaħ, li l-qassis nesa salib warajh, das-salib kien twil madwar sitt pulzieri. Mal-lemħa tas-salib, għadda malajr ħsieb minn moħħ Turtora. U dan, bla ma ħalla jaħrab żmien xejn, qabad fis is-salib tal-qassis. Bih beda jobrox it-tikħil tal-ħajt u joħroġ il-ġir mix-xquq li beda jagħmel ma' dwar ġebla kbira. Dil-ġebla kienet tiġi l-fuq, l-aħħar waħda taħt il-ħnejja sewwa, u kienet wiesgħa minn sitta sa tmien pulzieri. Mita dil-ġebla kienet waslet biex tinqala' minn fejn kienet imdaħħla, Turtora firex xi ħwejjeġ minn tiegħu fil-qiegħa. Dan għamlu biex, xħin jiġbed il-ġebla minn ġol-ħajt u din taqa' fl-art, ma tagħmel xejn ħoss.

(*Jissokta*)

**Ġużè Gatt.**

# AĦBARIJIET TA' KOTBA

*Le chant de la Noria* (Il-għanja tas-Sienja)

Dan ktieb miktub bil-Franċiż minn kittieb Malti (Laurent Ropa) ta' l-Arġiel. Stampat Pariġi minn Albert Messein, 19, Quai St. Michel.

Dan il-ktieb ġie mfaħħar ħafna għax miktub tajjeb. Aħna nifirħu bih għaliex xogħol ta' Malti u jitkellem fuq Matlin li marru jaħdmu r-raba' Bona. Dal-kittieb juri kemm ibatu l-bdiewa u kemm huma qalbiena l-Maltin barra minn Malta.

Il-ħrafa tibda li Malti kien mar Bona u wara ħafna tbatija u wara li għamilha ta' ħaddiem, ta' suldat u ta' neguzjant kiseb biċċa art u b'xogħlu għamilha raba' u ġonna tal-frott. Dan Kelment iz-Zopp, għax fil-gwerra kien kiser wirku, stagħna b'xogħolu u bena dar kbira u knisja żgħira taħt l-isem ta' San Kelment. In-nies tal-port stagħġbu tant li art niexfa u

ħawlija saret f'qasir żmien art ta' kull ġid, ħarġuha li Kelment kien miktub ma' ta' Barra-minn-hawn u li mita jmut Kelment l-art tarġa' titgħatta bix-xewk bħal ma kienet qabel.

Miet Kelment u l-art inbiegħet biċċa biċċa. Sama' b'din l-art Lazzru mlaqqam *is-Sinjur* għax qatt ma ried imur jittallab bħal ma kien riedu missieru u telaq għal Bona fejn qabad jaħdem u mbagħod raġa' lura Għawdex u żżewweġ lil Dora u ħadha miegħu Bona biex jaħdmu r-raba' bħal ma kien għamel Kelment qabilhom. Dora kollha devozjoni lill-Madonna ta' Pinu marret ma' żewġha u hawn tibda l-ħajja mwegħra ta' dawn iż-żewġ Għawdxin. Issa minn fuq, issa minn taħt, sa ma waslu biex jieħdu qbiela biċċa mill-ġnien ta' Kelment iz-Zopp.

Hawn il-kittieb juri l-ħajja jebsa tal-gabillott li l-akbar tbatija tiegħu kienet kif isaqqi s-siġar u l-għelejjel tiegħu u x-xogħol kbir li trid sienja li kellu f'nofs il-ġnien.

L-imsejken Lazzru għamel nifsu kollu ma' martu Dora u ma' wliedu biex imur il-quddiem imma donnu kien hemm dejjem xi jfixlku għax kull ma kienu jagħżlu kien isirilhom suf. Il-ħaddiema kellhom f'rashom li ma' ġenb is-sienja kien hemm il-*Waħx*, bħal *ħares* li kien jobgħod ix-xogħol. Wara ġrajja l-aktar imħawwda Lazzru tilef kull ma għamel, martu qatgħet id-demm minn sidirha u mietet, u Lazzru spiċċa mgħarraq fil-ħażżiena tas-sienja bħal ma ried il-*Waħx*.

Baqa' ibnu l-kbir Wiġi li żżewweġ lil bint gabillott tal-post u raġa' beda jaħdem l-art bil-ħsieb li xortih kienet tkun aħjar minn dik li sab missieru.

Din ħrafa ħelwa u bnina ta' nies tax-xogħol marbutin ma' l-art u l-ħniena ta' Alla, għax Dora fil-jiem tan-niket dejjem kienet titlob lill-Madonna ta' Pinu mdendla fuq is-sodda u mietet bix-xewqa li tmur Għawdex darb'oħra u tixgħel xemgħa lill-Madonna.

Nifirħu lis-sur Laurent Ropa, għad li ma nafuhx, u nitolbuh ikompli jikteb fuq il-Maltin u fuq l-imġieba tagħhom barra minn Malta.

T. Z.

## KOTBA LI BAGĦTULNA

A.M.G.—*Tagħlim żgħir ieħor fuk il-Cotba tal-Bibbja*—in-Numri 1, 2, 3.

*L-Annali tal-Propaganda tal-Fidi*—Nru. 76.

Direttur : Mons. Dun KARM PSAILA

Hlas 1/6 fis-sena. Ktieb wiehed -/6

Kull xorta ta' kitba, hlas, jew hwejjeġ ohra li ghandhom x'jaqsmu mal-MALTI, jinbaghtu lil F. S. Caruana, "Empire Press" — Valletta.